Il-Kelma tal-Ħajja Gen 4

2013
Marzu

# Bħal Ġesu' aħna nħobbu lil kulħadd.

"Min minnkom hu bla dnub, jitfa' l-ewwel ġebla" (Gv. 8, 7)

Il-poplu Lhudi, fejn twieled Ġesu', kellu liġijiet iebsin ħafna.



Ġurnata waħda ħadu midinba fil-pjazza, li kienet ikkundanata għal-mewt. Staqsew lil Ġesu': "Skond il-liġi tagħna għandna noqtlu lil din il-mara bil-ġebel, int x'tgħid" Ġesu' qagħad jikteb fir-ramel.



Imbagħad qam bil-wieqfa u qallhom: "Min minnkom qatt ma għamel xi ħaġa ħażina, jitfa' l-ewwel ġebla!" Il-fariżej, li kienu kkundanawha, bdew jitilqgħu wieħ ed wara l-ieħor.



Ġesu' ħares lejn il-mara u qalilha: "Fejn huma? Ħadd ma kkundannak? hi rrispondiet: "Hadd, Mulej". Ġesu' kompla: "Lanqas jien ma nikkundak. Mur u minn issa 'l quddiem tindibx iktar" (Gv 8. 11)

## Marcelo mic-Cili rrakkonta hekk:




Fil-klassi tiegħi hemm tifel ġdid, Guglielmo, ma jafx sew il-lingwa, u qed grazja miegħu, l-iktar Manuel.



Jien nagħmel minn kollox biex ngħinu jkun wieħed minna. Imbagħad ikkonvinċejt il-ħabib tiegħi Mauel biex iħobbu u biex isir ħabib tiegħu.



Ġurnata waħda kellna ninqasmu fi gruppi biex naħdmu flimkien. Manuel u jien għażilna l-Gulgliemo bħala wieħed mill-grupp tagħna.

©Movimento dei Focolari www.focolare.org